# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 16**

**Cit. Nru. 25/2001 GCD**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Vehicle Solutions 2000 Limited, Charles Mizzi u Anna Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li qalet:

Illi l-kumpanija konvenuta Vehicle Solutions 2000 Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' disghin elf, disa' mija u sitta liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm90,906.66) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal sitta u tmenin elf u seba' mija u hamsa u tmenin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm86,785.54) ghal bilanc ta' kont kurrent (Overdraft Account – 11 100 5257), u l-bilanc ta' erbat elef u mija u wiehed u ghoxrin lira u tnax-il

centezmu (Lm4,121.12) imghax fuq l-istess ammont mit-22 ta' Marzu 2000 sal-20 ta' Ottubru 2000 kif jidher mill-iStatement (Dok. A);

Illi l-konvenuti Charles Mizzi u Anna Bonnici ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur sal-ammont komplessiv (oltre imghax u spejjez kif jirrizulta mill-imsemmija guarantee forms hawn that imsemmija) ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000) in kwantu ghal hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) mis-somma msemmija kif jirrizulta miz-zewg Guarantee Forms datati l-21 ta' April 1998 iffirmati rispettivament mill-imsemmija zewg konvenuti (Dokumenti B u C) u in kwantu ghal hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) ohra kif jirrizulta mill-Guarantee Form datata s-26 ta' April 1998 iffirmata miz-zewg konvenuti (Dokument D);

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghall-hlas baqghu inadempjenti; u

Illi l-kreditu tal-Bank attur hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit tal-P.L. Nicholas Briffa, ir-rapprezentant tal-Bank attur (Dok. X).

Talbet illi dina l-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-

170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Vehicles Solutions 2000 Limited, debitrici principali u lil Charles Mizzi u Anna Bonnici, garanti solidali, solidalment bejniethom u mal-kumpanija konvenuta, ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta' disghin elf, disa' mija u sitta liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm90,906.66) fuq imsemmija u dovuta kif intqal.

Bl-imghax fuq Lm86,785.54 (sitta u tmenin elf, seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu) mill-20 ta' Ottubru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat ukoll illi l-partijiet ftiehmu fl-atti li s-sentenza ma tigix esegwita qabel sitt xhur millum;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti,

b'dan illi s-sentenza ma ghandhiex tigi esegwita qabel sitt xhur millum.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm